# Il-Jum Internazzjonali kontra d-Diskriminazzjoni - 1 ta' Marzu 2022

Kull individwu jkun jixtieq li jiġi ttrattat b'dinjità u rispett. Madankollu, minkejja l-isforzi kontinwi li jsiru minn diversi istituzzjonijiet u għaqdiet sabiex jitrawmu dawn il-valuri, u minkejja l-kampanji ta' għarfien biex titqajjem kuxjenza dwar id-drittijiet u l-obbligi li lkoll għandna lejn xulxin bil-għan li negħlbu kull forma ta' preġudizzju, id-diskriminazzjoni tibqa' tippersisti fis-soċjetajiet tagħna.

**Aktar minn nofs iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea (UE)** jgħidu li d-diskriminazzjoni abbażi taloriġini etnika (59%), il-kulur tal-ġilda (59%) jew l-orjentazzjoni sesswali (53%) hija mifruxa sew f'pajjiżhom, filwaqt li **kważi nofs iċ-ċittadini tal-UE** jgħidu li d-diskriminazzjoni abbażi ta' reliġjon jew twemmin (47%) u abbażi li persuni jkunu transġeneru (48%) teżisti sew f'pajjiżhom.[1]

Hu għalhekk li **l-Jum Internazzjonali kontra d-Diskriminazzjoni** jiġi mfakkar kull sena fl-1 ta' Marzu. Matul dan il-jum infakkru dwar l-importanza li ngħixu l-ħajja b'dinjità irrispettivament mill-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, il-karatteristiċi tas-sess, l-espressjoni u l-identità tal-ġeneru, ir-reliġjon jew it-twemmin, ir-razza jew l-oriġini etnika.

Din is-sena dan il-jum qed jerġa' jiġi mfakkar fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Fil-fatt matul dawn l-aħħar sentejn rajna kif din il-pandemija wasslet għal ħafna iktar diskriminazzjoni u inugwaljanzi. Il-bidla għas-servizzi tas-saħħa onlajn ħolqot ostakli addizzjonali għall-persuni fil-faqar, inklużi l-anzjani, li wħud minnhom ma kellhomx aċċess għall-internet jew għarfien tal-użu tiegħu.[2] Il-pandemija kixfet ukoll ir-razziżmu strutturali eżistenti u l-inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol u fl-akkomodazzjoni soċjali.[3] In-nisa u l-bniet kienu f'riskju ogħla ta' vjolenza domestika u forom oħra ta' vjolenza.[4] Barra minn hekk, il-pandemija kienet ukoll qiegħda tiggrava l-inugwaljanzi tal-ġeneru li diġà kienu jeżistu fit-tqassim tar-responsabbiltajiet tad-dar u tal-kura li mhumiex imħallsa.

---

[1] Ewrobarometru Speċjali 493 — Id-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea, Mejju 2019

[2] *Equinet - Discussion Paper on Women in Poverty: Breaking the Cycle*

[3] https://www.enar-eu.org/Evidence-of-the-impact-of-Covid-19-on-racialised-communities-exposes-need-to

[4] https://www.un.org/en/un-coronavirus-communications-team/gender-equality-time-covid-19

Fil-fatt, ir-riżultati tal-istudju li sar mill-**Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE)** juru li, matul il-pandemija, iż-żieda fin-numru ta' sigħat meħtieġa biex jitwettaq ix-xogħol tad-dar u l-kura tat-tfal żdiedu aktar għan-nisa milli għall-irġiel, filwaqt li l-ħin mgħoddi fid-divertiment, il-kura personali u l-irqad naqas aktar għan-nisa milli għall-irġiel. Kien hemm ukoll differenza sostanzjali ta' 16% bejn in-nisa u l-irġiel li rrappurtaw żieda fil-ħin iddedikat għax-xogħol tal-iskola mid-dar, 80.2% għan-nisa u 64.2% għall-irġiel.[5]

Danw id-differenzi ġew reġistrati minkejja l-ħafna sforzi li saru biex tiġi salvagwardjata l-ugwaljanza f'kuntest nazzjonali kif ukoll interenazzjonali. Tabilħaqq, Kapitolu 3 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (*EU Charter of Fundamental Rights*) dwar l-ugwaljanza jipprojbixxi *"kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali."* [6]

F'Malta, l-NCPE taħdem sabiex tħares l-ugwaljanza abbażi ta' sess jew responsabbiltajiet tal-familja, orjentazzjoni sesswali, karatteristiċi tas-sess u l-espressjoni tal-ġeneru, età, reliġjon jew twemmin, razza jew oriġini etnika, u identità tal-ġeneru fl-impieg, fil-banek u fl-istituzzjonijiet finanzjarji kif ukoll fl-edukazzjoni, abbażi ta' razza jew oriġini etnika u tas-sess fil-provvediment u l-aċċess ta' oġġetti u fis-servizzi, kif ukoll fl-eżerċitar tad-drittijiet konferiti fuq il-ħaddiema (moviment ħieles) fl-UE.[7]

Dan tagħmlu billi tinvestiga każijiet ta' allegat diskriminazzjoni skont kif tippermetti l-liġi, tagħti sessjonijiet ta' taħriġ lill-partijiet interessati, tagħti kontribut għall-iżvilupp ta' politiki u leġiżlazzjoni fuq livell nazzjonali, Ewropew u internazzjonali, tipprovdi assistenza lill-pubbliku ġenerali u toħloq kampanji ta' għarfien fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni, kemm fuq il-midja tradizzjonali kif ukoll fuq il-pjattaformi soċjali.

[5] https://ncpe.gov.mt/en/Documents/Our_Publications_and_Resources/Research/The_COVID_19_pandemic_Research_on_the_distribution_of_work_in_households.pdf
[6] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:12012P/TXT&from=EN
[7] https://ncpe.gov.mt/en/Pages/About_Us/NCPE-Remit.aspx

Biex tkompli tqajjem għarfien dwar din id-diskriminazzjoni, bħalissa, l-NCPE qiegħda timplimenta proġett ko-finanzjat mill-UE bl-isem ta' 'Empowerment for Diversity' (E4D). Dan il-proġett jiffoka fuq l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, il-karatteristiċi tas-sess u l-espressjoni tal-ġeneru. Fid-dawl tal-avvanzi leġiżlattivi sinifikanti relatati mal-qasam tal-LGBTIQ+ li seħħew f'Malta fi żmien relattivament qasir, dan il-proġett jindirizza l-impatt soċjali u kulturali ta' tali bidliet permezz ta' sett ta' inizjattivi.[8]

Dawn jinkludu riċerka kwalitattiva dwar id-diskriminazzjoni lejn persuni LGBTIQ+ li jkopri kemm analiżi komparattiva tar-riċerka simili li saret fl-2011 mill-NCPE, bl-isem ta' *"LGBT Discrimination Research Report"*, kif ukoll żviluppi dwar il-liġijiet li ġew addottati riċentement, workshops ma' membri tal-komunità LGBTIQ+ sabiex jiddiskutu l-kwistjonijiet li qiegħda tiffaċċja l-komunità u kampanji ta' għarfien fost oħrajn.[9]

Il-Kummissjoni tindirizza din id-diskriminazzjoni billi tinvestiga l-ilmenti tal-pubbliku waqt li tqajjem ukoll kuxjenza dwar l-ugwaljanza abbażi ta' sess jew responsabbiltajiet tal-familja, età, reliġjon jew twemmin, u razza jew oriġini etnika permezz ta' kampanji ta' għarfien kemm fuq il-media tradizzjonali kif ukoll fuq il-pjattaformi soċjali skont il-mandat.

Fil-**Jum Internazzjonali kontra d-Diskriminazzjoni** għandna lkoll niċċelebraw id-dritt li kulħadd jgħix ħajja sħiħa, produttiva u b'dinjità. Għaldaqstant jeħtieġ li bħala soċjetà naħdmu lkoll flimkien sabiex niġġieldu kull forma ta' diskriminazzjoni u niżguraw ugwaljanza għaċ-ċittadini kollha.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200 jew billi tidħol fuq il-websajt [www.ncpe.gov.mt](http://www.ncpe.gov.mt)*

**14 ta' Frar 2022**

[8] https://ncpe.gov.mt/en/Pages/Projects_and_Specific_Initiatives/Empowerment-for-Diversity---E4D.aspx
[9] Ibid